# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 27/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Maurizio Camilleri**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Maurizio Camilleri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 24095(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. fil-21 ta' Ottubru 2018, għall-ħabta ta' l-10.00hrs fl-inħawi ta' Ħaġar Qim, limiti tal-Qrendi kien qed jieħu jew jipprova jieħu xi għasfur matul l-istaġun magħluq għall-insib ta' l-għasafar u dan bi ksur tar-Reg. 18(1)(ċ), L.S. 549.42;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien qiegħed jonsob mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa f'ismu mid-Direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-Reg. 12(1) ta' l-A.L. 79/2006 hekk kif emendat, L.S 549.42;

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaċċja jew ipprova jikkaċċja, jieħu jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha; Reg. 4(1)(a) tal-S.L. 549.42.

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li barra li tagħti l-piena skont il-liġi, tordna l-konfiska tal-oġġetti esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Jannar 2021 fejn ingħad hekk:

> *"Id-difiża ssottomettiet li l-akkużi jirrelataw għall-21.10.2018 fejn l-imputat ġie infurmat li ser jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu. Illi huwa ġie notifikat bl-akkużi odjerni wara l-perjodu ta' sentejn jiġifieri wara l-21.10.2020 u anke in vista tal-Avviż Legali 65 tal-2020 li hija l-Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati li ġiet revokata permezz tal-Avviż Legali 230 tal-2020 dawn l-akkużi huma għalhekk preskritti.*
>
> *L-Uffiċjal Prosekutur qed jirrileva illi in vista tal-Avviż Legali 61 ta' 2020 fejn ġew sospiżi ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarji datata 13.03.2020, kif ukoll in vista tal-Avviż Legali 230 tal-2020 fejn huwa ddikjara illi dawn it-*

*termini jitkomplew mit-12.06.2020, il-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputat ġiet notifikat fi żmien stipulat mil-liġi.*

*Il-Qorti qed tiddikjara kawża preskritta stante li t-terminu ta' sentejn kien jagħlaq fil-21.10.2020 u għalhekk il-Prosekuzzjoni kellha minn Ġunju sa Ottubru 2020 ċans tinnotifika lill-imputat.*

***Decide***

*Kawża preskritta."*

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-8 ta' Frar 2021 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat ħati skont l-akkużi u tinfliġġi piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu appell tal-Avukat Ġenerali wara li l-Ewwel Qorti ddikjarat li l-azzjoni kienet waħda preskritta. Fir-Rikors tal-appell

tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jagħmel riferenza għas-segwenti:

- Artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Avviż Legali 61 tal-2020 (Ordni tal-2020 dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali));
- Avviż Legali 65 tal-2020 (Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja);
- Avviż Legali 230 tal-2020 (Ordni tal-2020 li jħassar l-Ordni dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja).

Illi Artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni – [...]
>
> (e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet."

Illi Regolament 3 tal-Avviż Legali 61 tal-2020 jaqra hekk:

> "3(1) Meta s-Supritendent tordna l-għeluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti għall-fini ta' ħarsien kontra u, jew ta' kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv, tali ordni għandha tissospendi ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarju u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati. Is-sospensjoni għandha ddum sa sebat (7) ijiem wara t-tneħħija tar-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Supritendent. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita' ta' hawn fuq, din is-sospensjoni għandha tfisser li jekk l-aħħar jum ta'

kwalunkwe ħin legali jew ġudizzjarju jew limitu ta' żmien ieħor jiskadi matul iż-żmien meta ordni provduta f'dan ir-regolament tkun fis-seħħ, iż-żmien għall-preżentata għandu jiġi sospiż sa sebat (7) ijiem wara l-jum meta s-Supritendent tirrevoka l-ordni għall-għeluq ta' kwalunkwe qorti permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

(2) Kull ordni maħruġa skont is-subartikolu (1) ma għandux jippreġudika s-setgħa ta' kwalunkwe qorti li tordna l-ftuħ tar-reġistru tagħha, is-smigħ ta' kwalunkwe każ u kull ħaġa konsegwenzjali u inċidentali għaliha f'każijiet urġenti jew f'każijiet fejn tqis li l-interess pubbliku biex il-każ jinstema' għandu jipprevali, soġġett għal xi arranġamenti speċifiċi għall-ħarsien kontra u, jew għall-kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv hekk kif il-qorti tista' tiddetermina."

Illi Regolament 3 tal-Avviż Legali 65 tal-2020 jgħid hekk:

"Is-Suprintendent b'dan tordna l-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja u tar-Reġistru b'effett mis-16 ta' Marzu, 2020, liema ordni għandha tibqa' fis-seħħ sakemm tiġi revokata mis-Suprintendent."

Illi Avviż Legali 230 tal-2020 jgħid hekk:

"1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 li jħassar l-Ordni dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fil-5 ta' Ġunju 2020.

2. L-ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġusitzzja huwa b'dan l-ordni mħassar b'effett mill-5 ta' Ġunju 2020, mingħajr preġudizzju għall-validita' ta' kull ħaġa magħmula jew li tħalliet barra milli ssir fuq il-bażi ta' dak l-ordni u soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni.

> 3. Is-sospensjoni tal-limiti ta′ żmien kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta′ dan l-ordni għall-preżentazzjoni ta′ atti quddiem qorti wara l-konklużjoni ta′ kwalunkwe proċeduri quddiem kwalunkwe tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entita′ oħra li ma joperax mill-bini tal-Qorti ta′ Ġustizzja għandha tibqa′ fis-seħħ għal għoxrin (20) jum mid-dħul fis-seħħ ta′ dan l-ordni.
>
> 4. Is-sospensjoni tal-limiti ta′ żmien kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta′ dan l-Ordni għall-preżentazzjoni ta′ atti quddiem qorti jew tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entita′ oħra li topera mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa′ fis-seħħ għal perjodu ta′ sebat (7) ijiem mid-dħul fis-seħħ ta′ dan l-ordni.″

Illi l-Avukat Ġenerali jissottometti li ġialdarba l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat seħħew fil-21 ta′ Ottubru 2018 u li skont Artikolu 688 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta′ sentejn, liema terminu ġie sospiż permezz ta′ Avviżi Legali 61 u 65 tal-2020 u liema sospensjoni damet sospiża għal tliet xhur, għaldaqstant il-preskrizzjoni mxiet bi tliet xhur ‘il quddiem għall-21 ta′ Jannar 2021. B′hekk l-appellant isostni li ladarba l-appellat ġie notifikat fit-8 ta′ Jannar 2021 ma jistax jingħad li ddekorra t-terminu preskritt mil-liġi.

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu quddiem din il-Qorti diversament preseduta, il-konsulent legali tal-appellat issottometta li minkejja li r-riferta tal-appellat tinsab fl-atti proċesswali, din ir-riferta ma kinitx ġiet ippreżentata quddiem l-Ewwel Qorti. Filwaqt li l-Qorti tinnota li l-verbal tas-seduta tal-20 ta′ Jannar 2021 miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti ma jagħmel l-ebda riferenza għal din ir-riferta u filwaqt li l-Qorti temmen li jkun aħjar li dak li jsir tul is-seduta u li jiġi ppreżentat waqt is-seduta jiġi vverbalizzat, pero′ fl-istess waqt il-Qorti tabbraċċja dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta tul is-smiegħ tas-sottomissjonijiet meta ngħad hekk:

> "Il-Qorti qed targumenta jekk ir-reat seħħ f'Ottubru tal-2018 allura f'Ottubru tas-sena 2020 kien preskritt. Mela inutli ġġibuli riferti quddiemi għaliex kien preskritt f'Ottubru. X'differenza tagħmel jekk il-Prosekuzzjoni tesibixxi r-riferta f'Jannar?" (*a fol.* 27)

Apparti minn dan, waqt is-sottomissjonijiet orali tiegħu l-konsulent legali tal-appellat qal hekk:

> "Jien bażikament naqbel li ovvjament kien hemm is-sospensjoni ta' tliet xhur. Pero' qed ngħid meta tara l-assjem ta' l-provi ovvjament jekk dik ir-riferta li qatt ma ġiet ippreżentata fl-atti, allura meta deher l-imputat [...] dawk l-akkużi kienu diġa' preskritti." (*a fol.* 28)

Illi l-Qorti tinnota li fil-verbal tas-seduta miżmuma fl-20 ta' Jannar 2021 quddiem l-Ewwel Qorti, il-konsulent legali tal-appellat ma semma xejn dwar jekk ir-riferta kinitx ġiet ippreżentata jew le. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li fl-imsemmija seduta ġie vverbalizzat li l-appellat kien gie notifikat bl-imputazzjonijiet wara l-perjodu ta' sentejn. Minn dan jirriżulta li m'hemm xejn fl-atti li jindika li l-Prosekuzzjoni ma kinitx ippreżentat ir-riferta. Min jagħmel allegazzjoni jrid jippruvaha. Kif diġa' ngħad, mill-istess verbal jirriżulta li l-appellat kien ġie notifikat – u dan qalu l-konsulent legali tiegħu stess fil-preżenza tal-appellat fl-20 ta' Jannar 2021. Il-fatt li l-appellat kien fiżikament preżenti fl-awla quddiem l-Ewwel Qorti fl-20 ta' Jannar 2021 juri li huwa kien ġie notifikat qabel l-20 ta' Jannar 2021!

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- L-imputazzjonijiet fiċ-ċitazzjoni jagħmlu riferenza għall-21 ta' Ottubru 2018.

- Iċ-ċitazzjoni nħarġet fl-24 ta' Frar 2020.

- Fid-29 t'April 2020 kellha tinżamm seduta quddiem l-Ewwel Qorti li ma nżammitx u fejn ingħad hekk: *"In vista tal-Avviż Legali 61 tal-2020 u Avviż Legali 65 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-kawża qed tiġi differita għall-20 ta' Jannar 2021 tissejjaħ fid-09.00am għall-istess skop tal-verbal preċedenti."*

- Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2021, il-konsulent legali tal-appellat issottometta quddiem l-Ewwel Qorti li l-appellat kien ġie notifikat bl-imputazzjonijiet wara l-perjodu ta' sentejn u għal din ir-raġuni eċċepixxa l-preskrizzjoni peress li skont hu kien għadda l-perjodu ta' sentejn rikjest mil-liġi.

- L-Uffiċjal Prosekutur irreleva li b'Avviż Legali 61 tal-2020 kien ġie sospiż ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarji fit-13 ta' Marzu 2020 u li b'Avviż Legali 230 tal-2020 it-termini kellhom jitkomplew mit-12 ta' Ġunju 2020.

- Wara l-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti hemm riferta pożittiva (*a fol.* 9) tal-appellat bid-data tat-8 ta' Jannar 2021.

Illi l-Qorti tinnota wkoll is-segwenti:

- M'hemm ebda dubju li l-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak ta' sentejn.

- Fid-29 ta' April 2020 (ċioè meta kellha tinżamm l-ewwel seduta) il-Qorti kienet diġa' magħluqa u dan minħabba Avviż Legali 65 tal-2020 li jindika d-data tas-16 ta' Marzu 2020, liema Ordni tħassret fil-5 ta' Ġunju 2020 b'Avviż Legali 230 tal-2020 għalkemm id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti kellha tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' sebat (7) ijiem mid-dħul fis-seħħ ta' l-Ordni.

- Is-sospensjoni damet mis-16 ta' Marzu 2020 sal-5 ta' Ġunju 2020 u mingħajr ma jingħaddu l-aħħar sebat ijiem dan il-perjodu jfisser li s-sospensjoni damet xahrejn u għoxrin jum u

jekk jingħaddu s-sebat ijiem ukoll allura s-sospensjoni damet xahrejn u sebgħa u għoxrin jum.

- Avviż Legali 61 tal-2020 ma biddel ebda liġi iżda ssospenda *"ż-żmien ta' **kwalunkwe ħinijiet legali** u ġudizzjarju u ta' **kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor** inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati"* [emfażi miżjuda]. Regolament 3(1) tal-Avviż Legali msemmi jgħid ukoll: *"Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita' t'hawn fuq, din is-sospensjoni għandha tfisser li jekk l-aħħar jum ta' kwalunkwe ħin legali jew ġudizzjarju jew limitu ta' żmien ieħor jiskadi matul iż-żmien…"*.

- B'hekk isegwi li għandu jsir kalkolu ta' kemm kien għadda żmien qabel is-sospensjoni u ta' kemm kien għadda żmien wara li spiċċat is-sospensjoni.

Illi b'hekk ifisser li l-ewwel kien għadda ż-żmien bejn il-21 ta' Ottubru 2018 u s-16 ta' Marzu 2020 (sittax il-xahar u erbgħa u għoxrin jum) u mbagħad mill-5 ta' Ġunju 2020 jew aħjar mit-12 ta' Ġunju 2020 sat-8 ta' Jannar 2021 (meta kien notifikat l-appellat).[1] Jekk kienu għaddew sittax il-xahar u erbgħa u għoxrin jum meta l-preskrizzjoni ġiet sospiża kien jonqos seba' xhur u sitt ijiem biex tagħlaq il-preskrizzjoni. Jekk tittieħed id-data tal-5 ta' Ġunju 2020 bħala bażi naslu sal-11 ta' Jannar 2021 u jekk tittieħed bħala bażi l-ġurnata tat-12 ta' Ġunju 2020 allura naslu sat-18 ta' Jannar 2021.

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, la n-notifika saret fit-8 ta' Jannar 2021, il-Qorti tqis li n-notifika saret fiż-żmien tal-preskrizzjoni ġialadarba kien hemm is-sospensjoni tal-preskrizzjoni.

[1] Fis-sentenza mogħtija fl-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francis Briffa** (Numru 29/2021), din il-Qorti diversament preseduta waqqfet il-kalkoli tagħha fis-16 ta' Marzu 2020 u reġgħet bdiethom mill-5 ta' Ġunju 2020.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tiddeċiedi l-kawża skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**